MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 548/2014

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Ruben Balzan u l-istess Ruben Balzan**

**Vs**

**(1) Korporazzjoni Enemalta u b' digriet datat 3 ta' Novembru 2014 il-kliem Korporazzjoni Enemalta thassar u gie sostitwit bil-kliem Enemalta p.l.c.**
**(2) GasanMamo Insurance Limited u b'digriet datat 26 ta' Awwissu, 2014 giet kjamata fil-kawza GO p.l.c.**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-8 ta' Awwissu, 2014** u li permezz taghha talbu lill-intimati jhallsuha s-somma ta' elfejn sitt mija sitta u erbghin euro u sitta u erbghin centezmi ta' euro [€2,646.46c] u dan wara li ppremettew hekk:

"L-intimati huma mitlubin ihallsu l-ammont ta' elfejn, sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u erbghin centezmi, liema somma hija certa, likwida u dovuta u li tirrapprezenta danni sofferti u spejjez inkorsi mill-istess esponenti in konnessjoni u bhala kagun tal-incident li sehh fil-15 ta' Ottubru, 2012 meta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAO-791 assikurata mis-socjeta ntimata laqtet *cables* appartenenti lill-Korporazzjoni intimata u b'hekk ikkawzat hsara estensiva fil-fond ossija maisonette li tinsab fi Triq il-Kapillan Mifsud, Santa Venera assikurata mis-socjeta mittenti u proprjeta tal-esponenti Balzan u liema incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tal-ligi da parti tal-intimati.

Bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' atti gudizzjarji relatati inkluza l-ittra ufficjali interpellatorja datata Gunju, 2014 l-ispejjez kollha konnessi mal-procedura odjerna".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata GasanMamo Insurance Limited** minnha mressqa fl-20 ta' Awwissu, 2014 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi l-esponenti ma ghandha taghti xejn lis-socjeta attrici.

Dan ghaliex l-incident in kwistjoni ma giex ipprovokat b'xi mod u manjiera minn xi negligenza jew traskuragni tas-sewwieq tal-vettura CAO-791, Ruben Balzan.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni mitlub mill-attrici huwa esagerat u ghaldaqstant il-kwantum tad-danni qieghed ukoll jigi kkontestat.

Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

It-talbiet ghandhom ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha illi sejrin jirrizultaw fis-smiegh ta' din il-kawza jigu michuda in toto, bl-ispejjez kontra l-istess attur";

Ra **r-risposta tal-Korporazzjoni ntimata** minnha mressqa fil-21 ta' Awwissu, 2014 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi t-talba tar-rikorrenti kif dedotta kontra l-Korporazzjoni Enemalta ghandha tkun michuda stante illi l-istess Korporazzjoni ma kinitx responsabbli ghall-incident de quo.

2. Illi hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-incident in kwistjoni sehh bi htija tal-konvenut GasanMamo Insurance Limited in rappresentanza tal-vettura CAO-791 assikurata mis-socjeta intimata u/jew GO p.l.c. peress illi l-*cables* li sfaw milquta huma appartenenti lilhom u mhux tal-Korporazzjoni Enemalta kif erronjament indikat fit-Talba odjerna. Ghaldaqstant in vista tal-premess ghandha tigi kjamata in kawza GO p.l.c. sabiex tirrispondi direttament ghat-talba avvanzata mir-rikorrenti, liema talba, ghal kjamata in kawza, ser titressaq permezz ta' rikors prezentat kontestwalment ma' din ir-risposta.

3. Illi ghalhekk il-Korporazzjoni Enemalta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi mhijiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni anzi permezz tal-istess incident il-Korporazzjoni Enemalta soffriet danni li huma komputati u li l-Korporazzjoni Enemalta ser tipprocedi ghall-hlas taghhom permezz ta' proceduri gudizzjarji ulterjuri.

4. Fil-mertu l-pretensjoni tar-rikorrenti hija assolutament ikkontestata u l-Korporazzjoni Enemalta ma jista jkollha l-ebda responsabbilita diretta jew indiretta ghad-danni sofferti mir-rikorrenti u ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandha taghmel prova tad-danni skond il-ligi.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri permessi mil-ligi.

Bl-ispejjez";

Ra d-digriet tieghu datat 26 ta' Awwissu, 2014 u li permezz tieghu t-Tribunal laqa' t-talba biex tissejjah fil-kawza s-socjeta GO p.l.c.

Ra **r-risposta tas-socjeta kjamata in kawza GO p.l.c.** minnha mressqa fit-12 ta' Settembru, 2014 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi t-talba attrici kif dedotta fir-rigward tas-socjeta esponenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri";

Ra l-verbal tad-29 ta' April, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimati l-hlas tas-somma ta' €2,646.46c rapprezentanti danni sofferti u spejjez inkorsi minnha in konnessjoni u bhala kagun tal-incident li sehh fil-15 ta' Ottubru, 2012 meta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAO-791 assikurata mis-socjeta ntimata laqtet *cables* appartenenti lill-Korporazzjoni intimata u b'hekk ikkawzat hsara estensiva fil-fond ossija maisonette li tinsab fi Triq il-Kapillan Mifsud, Santa Venera assikurata mis-socjeta rikorrenti u proprjeta tar-rikorrenti Balzan, liema incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tal-ligi da parti tal-intimati.

2. Is-socjeta intimata GasanMamo Insurance Limited laqghet ghal din it-talba billi qalet li hi ma ghandha taghti xejn lis-socjeta rikorrenti u dan ghaliex l-incident in kwistjoni ma giex ipprovokat b'xi mod u manjiera minn xi negligenza jew traskuragni tas-sewwieq tal-vettura CAO-791, Ruben Balzan. Qalet ukoll li l-ammont ta' danni mitlub mir-rikorrenti huwa esagerat u ghaldaqstant il-kwantum tad-danni kien qieghed jigi kkontestat.

3. Da parti taghha, l-Korporazzjoni intimata qalet li t-talba fil-konfront taghha ghandha tigi michuda stante li hi ma kienitx responsabbli ghal incident de quo u dan peress li l-incident in kwistjoni sehh bi htija tal-konvenut GasanMamo Insurance Limited in rappresentanza tal-vettura CAO-791 assikurata mis-socjeta intimata u/jew GO p.l.c. peress illi l-*cables* li sfaw milquta huma appartenenti lilhom u mhux taghha kif erronjament indikat fit-Talba odjerna. Ghalhekk talbet li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Ziedet tghid li anke hi soffriet Danni kawza ta’ dan l-incident u li kienet ser tipprocedi ghall-hlas taghhom. Fil-mertu qalet li l-pretensjoni tar-rikorrenti hija kkontestata u li hi ma jista jkollha l-ebda responsabbilita diretta jew indiretta ghad-danni sofferti u li r-rikorrenti jehtiegilhom jaghmlu l-prova tad-danni skond il-ligi. Il-Korporazzjoni ntimata talbet li tissejjah fil-kawza s-socjeta GO p.l.c.

4. Is-socjeta kjamata fil-kawza GO p.l.c. qalet li t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fil-konfront taghha hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ikkunsidra;

5. **Lawrence Formosa**, *senior sales manager* mas-socjeta rikorrenti qal li huma kienu gew infurmati mill-assikurat taghhom, ir-rikorrenti Ruben Balzan, li fil-15 ta’ Ottubru, 2012 kien sehh incident fil-faccata tad-dar tieghu meta xi *cables* tad-dawl intlaqtu minn vettura bil-pjanca ta’ registrazzjoni CAO-791 li kienet qeghda tigi misjuqa minn Charles cachia u li kienet assikurata mas-socjeta Thomas Smith Agency Limited li hija agent ta’ GasanMamo Insurance Limited. Hekk kif sar dan l-ilment, huma kienu nkarigaw lill-*loss adjustor* taghhom James Magri. Da parti tieghu, l-*loss adjuster* kien inkariga lil perit Vincent Cassar sabiex ikun jista jaghmel stima ta’ l-ammont ta’ hsarat li kien garrab l-assikurat taghhom ir-rikorrenti Ruben Balzan. Irrizulta li l-assikurat taghhom sofra hsarat fl-ammont ta’ €2301, liema ammont jinqasam inkwantu ghal €2243 fi hsarat u in kwantu ghar-rimanenti €58 bhala policy excess li r-rikorrenti Ruben Balzan kellu jhallas sabiex ikun jista jaghmel il-*claim* relattiva. Ir-rikorrenti Ruben Balzan kien ukoll inkariga perit da parti tieghu u cioe l-Perit Joseph Saliba. Ix-xhud qal ukoll li s-socjeta Thomas Smith Insurance Agency

Limited dejjem rrifjutat ir-respinsabbilita ghall-akkadut. Ma l-ammont ta' €2301 ghandhom jizdiedu ukoll l-ammont ta' €256.90 u €88.50 li huma l-ammonti li thallsu mis-socjeta rikorrenti lil James Magri u lill-Perit Vincent Cassar rispettivament. Ix-xhud sahaq li s-socjeta minnu rapprezentata dejjem kellmet lis-socjeta intimata l-ghaliex il-hsarat sehhew mill-vettura assikurata maghha u li qatt ma kellem lill-Korporazzjoni intimata jew lis-socjeta kjamata fil-kawza dwar dan l-incident.

6. Il-*loss adjustor* **James Magri** xehed u qal li huwa kien gie nkarigat mis-socjeta rikorrenti sabiex jaghmel *loss adjustment* tal-hsarat li kien garrab ir-rikorrenti Ruben Balzan. Huwa kkonferma l-kontenut tar-rapport tieghu (fol. 31 u 32) u li l-hsarat reklamati mir-rikorrenti Ruben Balzan kienu ragjonati. In kontro-ezami huwa qal li mal-faccata tad-dar tar-rikorrenti Ruben Balzan kien hem *pole* mcaqlaq, ma liema *pole* kien hem marbutin xi *cables*. Dwar dawn il-*cables,* ix-xhud qal li "*safejn naf jiena danw il-cables huma tad-dawl pero ma niftakarx*" (fol. 71). Qal ukoll li l-*pole* li semma hija dik li hemm indikata fil-fotokopja tar-ritratt li gie esebit a fol. 37 tal-process. Zied ighid li "*jiena ma nafx x'tip ta' wires kien hem imwahhlin hemmhekk cioe mal-hadida u ma nafx x'kundizzjoni kienu*" (fol 72). In ri-ezami, huwa qal li l-dawn il-*cables* "*kienu madwar zewg sulari l-fuq mill-livell tat-triq*" (fol. 72). Stqarr ukoll li huwa ma kienx jaf jekk il-*cables* in kwistjoni kienux mdendlin jew le.

7. Ir-rikorrenti **Ruben Balzan** xehed u qal li huwa kien ghamel *claim* mas-socjeta rikorrenti ghar-rigward ta' hsara li kienet garbet id-dar tieghu kawza ta' incident li kien sehh. Qal li huw ama kienx prezenti meta sehh l-incident. Huwa ghadda biex jispjega l-hsara li kien garrab fil-proprjeta tieghu u li dawn il-hsarat illum il-gurnata kienu ssewwew u li kien thallas taghhom mis-socjeta rikorrenti. In kontro-ezami huwa qal li kien wasal fuq il-post wara li kien ircieva telefonata minghand il-garr tieghu li ghandu hanut hdejh ghal habta tal-11 ta' filghodu. L-incident kien sehh xi siegha qabel, Qal li x'hin wasal fuq il-post kien hem trakk tal-Korporazzjoni Enemalta li kien qieghed inehhi l-perikolu li kien hem peres sli kien hem xi *cables* tad-dawl mal-art. X'hin wasal fuq il-post huwa seta jikkonstata li l-*cable* kien maqlugh

bil-hadida b'kollox minn mal-hajt u ghalhekk ma setax iwiegeb ghal mistoqsija li saritlu jekk dan il-*cable* kienx imdendel jew imqaccat. Qal ukoll li l-van li kien involute fl-incident ma kienx fuq il-post meta huwa wasal hemmhekk. Mistoqsi jekk il-*cables* kienux tad-dawl jew tat-telephone, r-rikorrenti qal li ma kienx jaf l-ghaliex ma jifhimx.

8. Il-**Perit Vincent Cassar** xehed u qal li huwa kien qieghed jikkonferma r-rapport tieghu (fol. 39 u 40). Mistoqsi mit-Tribunal jekk setax jindika "*jekk il-cables li kienu nvoluti fl-incident jappartjenux lil GO jew lil Enemalta*" (fol. 92) huwa qal li "*kien hem hafna cables u ma stajtx nistabilixxi ta' min kienu*" (fol. 92).

9. Il-**Perit Joseph Saliba** xehed u qal li huwa kien qieghed jikkonferma r-rapport tieghu (fol.33 sa 38). Mistoqsi jekk hu kienx jaf ta' min kienu l-*cables* li kienu nvoluti fl-incident, huwa qal li ma kienx jaf.

10. **George Vassallo** qal li huwa kien mar fuq il-post fejn sehh l-incident wara li kien gie nkarigat jaghmel hekk mir-rikorrenti Ruben Balzan. Mistoqsi jekk il-*cables* li kienu nvoluti fl-incident kienux jappartjenu lil GO jew lill-Enemalta huwa qal li ma kellux idea. Qal pero li kellu impressjoni li kien hem vannijiet ta' l-Enemalta u tal-GO fuq il-post.

11. **Is-Surgent tal-Pulizija 201 Sandro Magro** ikkonferma r-rapport imhejji minnu u li jinsab esebit a fol. 48 et sequitur tal-process. Qal li huwa kien mar fuq il-post fejn kien sehh l-incident ghal habta ta' xil-11:15a.m. u fuq il-post sab lil Salvu Farrugia, rapprezentant tal-Enemalta. Ix-xhud qal li dan Salvu Farrugia kien ghaddej min fuq il-post b'kumbinazzjoni. Qal li l-persuna li kkawzat dawn il-hsarat kien Charles Cachia li kien qieghed isuq vettura bil-pjanca ta' registrazzjoni CAO-791. Kompla jghid li l-vettura in kwistjoni kienet tat-tip *high up* u li x-xufier kien ammetta mieghu li waqt li kien qieghed isuq huwa kien laqhat dawn il-*cables* meta ghadda minn tahthom. Aktar tard fix-xhieda tieghu, x-xhud jikkwalifika din il-vettura bhala *crane* zghir. Il-post fejn sehh l-incident huwa vicin is-supermarket Lidl li hemm fi triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera. In kontor-ezami qal li "*jiena ma ghandi l-ebda notament li kien sar xi rapport li kien hem xi cables perikoluzi f'dik il-parti tat-triq fejn hem il-Lidl gewwa Santa Venera qabel dan l-incident*" (fol. 96).

12. **Charles Cachia** qal li fil-15 ta' Ottubru, 2012 huwa kien qieghed isuq trakk tat-tip Bedford fit-Triq ta' Santa Venera. Fuq dan it-trakk hemm *high up* li kien imnizzel fit-trakk peress li kellu l-*plastic* fih. Qal li l-*plastic* li ma kienx jilhaq il-livell tat-trakk l-ghaliex inkellha jaqa l-barra. Fejn sehh l-incident, kompla jghid ix-xhud, kienet ir-rotta tieghu u jghaddi ta' kuljum min hem peress li huwa kien jigbor il-*plastic* tal-*bring in sites*. Ammetta li dak-in-nhar, waqt li kien qieghed isuq il-vettura tieghu fi Triq il-Kappillan Mifsud gewwa Santa Venera huwa laqat *cable*. Mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa kienx ra dan il-*cable* qabel ma laqtu huwa qal li ma kienx rah u ma kienx quddiemu. Qal li l-kaxxa tat-takk hija harira ghola mill-kabina. Mistoqsi fejn ikun il-*high up* fuq dan it-tip ta' trakk, ix-xhud qal li dan ikun fuq wara u jkun bi *flush* il-kaxxa. Qal li dak-in-nhar li kien qieghed isuq it-trakk, l-*high up* kien f'postu u cioe mnizzel l-isfel. Qal li waqt li kien qed isuq, huwa sema' lil xi had jghajjatlu biex jieqaf u hekk ghamel. Qal li l-*wire* kien qabdu bil-kaxxa tat-trakk u mhux bil-*high up*. Stqarr li ghalih, il-*wire* li laqat kien tat-telephone. In kontro-ezami, huwa qal li wasal ghal konkluzzjoni li kien tat-telephone l-ghaliex il-*wire* kien irqiq. Xehed ukoll li huwa ma kienx jaf jekk dan il-*wire* kienx ta' xi utilita ohra. L-incident sehh fil-parti d-dritta tat-triq, fejn hem il-hanut taz-zebgha qabel ma taqbad in-nizla fejn il-Lidl. Qal ukoll li l-*wire* kien tal-lewn abjad u li ftit il-fuq aktar minn dan il-*wire* huwa kien ra tlett *wires* ohra tal-lewn iswed.

13. **Eric Montfort**, rapprezentant tal-Korporazzjoni intimata esebixxa xi dokumentazzjoni in konnessjoni mal-kaz.

14. **Saviour Farrugia** qal li huwa kien ghaddej b'kumbinazzjoni mit-Triq il-Kappillan Mifsud, gewwa Santa Venera b'kumbinazzjoni nhar il-15 ta' Ottubru, 2012. Huwa qal li x'hin kien hemm, huwa ra *traffic* enormi f'dawk l-akkwati u meta wasal fejn sehh l-incident huwa seta jikkonstata li kien hemm *cable* tal-Korporazzjoni intimata imdendel f'nofs it-triq u *bracket* maqlugha minn mal-hajt. Qal li huwa ra l-vann li kien laqghat da nil-*cable*, u li kellhu l-kaxxa tieghu ferm ghola mill-kabina. Qal li fejn da nil-vann kien hem *cable* ta' madwar *half inch* hxuna maqtugh fl-art. Dan il-*cable*, kompla jghid ix-xhud, kien

jappartjeni lil GO. Qal li huwa kien cempel lill-haddiema tad-distrett sabiex jergghu jtellghu l-cable tal-Korporazzjoni Enemalta ghal fejn kien originarjament. Mistoqsi jekk kienx hem xi ilmenti dwar *cables* li kienu mdendlin, ix-xhud qal li "*ilmenti essagg fid-distrett tieghi ma kienx hem gahr-rigward ta' jekk il-cables kienux imdendlin jew biex intellghu dawn il-cables*" (fol. 106). Kompla jghid li "*dik l-area taqa proprjament that il-kontroll tieghi u allura jekk kien ikun hem xi problem jiena kont ser inkun naf bihom dawk il-problemi*" (fol. 106). Stqarr li hekk kif appena l-iskrivani kienu jghidulu li kien ikun hemm xi problema, huwa kien jiehu hsieb li jirrangahom mal-ewwel. Qal li l-wire tal-Korporazzjoni intimata ma jkollux *loose* mieghu u jkun stirat. Zied ighid li meta marr fuq il-post, hu sab diversi *clips* tas-*service cable* maqlughin u ghalhekk, kompla jghid ix-xhud, il-*wire* li ddendel safa hekk l-ghalie xkienu nqalghu l-*clips.*

In kontro-ezami, huwa qal li ma rax il-*high up* tal-vann in kwistjoni l-fuq mill-kaxxa tieghu. Ix-xhud esebixxa ukoll xi ritratti li kien ha hu ta' l-area in kwistjoni. Huwa qal li qabel il-*pole* proprejat ta' l-Enemalta, kien hem *pole* iehor ta' l-injam li jappartjeni lis-socjeta kjamata fil-kawza. Kien il-wire li kein hem ma da nil-*polie* li kien maqtugh. Imbaghad mal-hajt tal-faccata tar-rikorrenti kien hemm il-parti l-ohra li taqqad il-wire tal-GO ghal ma dan l-arblu. Sahaq li l-*cable* tal-GO kien qabel dak ta' l-Enemalta. Dan jidher car mir-ritratti li huwa esebixxa. Ix-xhud qal ukoll li apparti l-*wires* tal-Korporazzjoni intimata u tas-socjeta kjamata fil-kawza kien hemm ukoll, jekk ma kienx sejjer zball, *wires* tal-Melita tal-lewn abjad.

15. **George Portelli**, inginier mal-Korporazzjoni intimate qal li Saviour Farrugia kien jirrispondi lilu u huwa kien qallu bl-akkdaut in kwistjoni. Qal li huwa awtorizza li jsiru x-xogholijiet fuq il-*cables* tad-dawl l-ghaliex dawn kienu tas-*single phase* u seta facilment inholoq xi incident iehor. Mistoqsi jekk Saviour Farrugia kienx semmielu xi *cables* tal-Melita, x-xhud qal li ma jidhirlux li Saviour Farrugia kien semmielu l-*cables* tal-Melita p.l.c.

Ikkunsidra ulterjorment;

16. Fil-fehma tat-Tribunal, u mill-provi hawn fuq migjuba, jirrizulta sodisfacentement li waqt li Charles Cachia kien qieghed isuq it-trakk tat-tip Bedford fi Triq il-Kappillan Mifsud gewwa Santa Venera huwa laqat il-*cables* proprjeta tas-socjeta kjamata fil-kawza bil-konsegwenza li dan il-*cable* imbaghad gibed il-*cable* proprjeta tal-Korporazzjoni intimata u b'hekk sehhet il-hsara fil-faccata tar-rikorrenti Ruben Balzan. Is-socjeta kjamata fil-kawza tghid li apparti l-*cables* taghha, kien hemm ukoll *cables* tal-Melita u in sostenn ta' dan tislet mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Korporazzjoni intimata Saviour Farrugia u x-xufier Charles Cachia. Ta' l-ewwel kien qal li apparti l-*wires* tal-Korporazzjoni intimata u tas-socjeta kjamata fil-kawza kien hemm ukoll, jekk ma kienx sejjer zball, *wires* tal-Melita tal-lewn abjad filwaqt li tat-tieni qal li l-*wire* li laqat kien tal-lewn abjad u li ftit il-fuq aktar minn dan il-*wire* huwa kien ra tlett *wires* ohra tal-lewn iswed. Pero, t-Tribunal ma huwiex sodisfatt b'din l-ispjega u dan anke l-ghaliex Charles Cachia, x-xufier in kwistjoni kien qal li l-*wire* li laqat kien tat-telephone u li wasal ghal din il-konkluzzjoni l-ghaliex il-*wire* kien irqiq. Is-socjeta kjamata fil-kawza messha resqet lil rapprezentant tal-Melita sabiex jixhed dwar dan il-kaz u jekk kellhomx *cables* ghaddejjin min hemm, pero din baqghet, ghar-ragunijiet taghha ma resqitux. Tul ix-xhieda imbaghad is-socjeta intimata qanqlet il-punt li xi *cable* kien imdendel l-isfel iktar milli suppost u li ghalhekk is-sewwieq tat-trakk in kwistjoni ma kienx responsabbli ghal akkadut. Is-sewwieq Charles Cachia gie mistoqsi jekk huwa kienx ra xi *cable* li kien qieghed imdendel aktar l-isfel milli suppost u jekk huwa rax dan il-*cable.* Ix-xufier qal li huwa ma ra xejn min dan. Ir-rapprezentant tal-Korporazzjoni ntimata, Saviour Farrugia, tela jixhed u qal li huwa kien inkarigat mill-*area* fejn sehh l-incident u li ma kien jaf bl-ebda ilment li kien dahal ghandhom sabiex jinfurmawhom li kien hemm xi *cable* tad-dawl li kien imndendel. Sahaq li jekk kien jidhol xi ilment ta' dan it-tip, huwa kien ikun jaf u kien jiehu hsieb mal-ewwel li jirranga dan il-fatt. Is-socjeta kjamata fil-kawza ukoll f'dan il-kaz ma resqet lil hadd mill-addetti taghha sabiex hija ukoll, bhal ma ghamlet il-Korporazzjoni intimata, teskludi dan il-fatt ukoll.

17. Ghalhekk, hija tajba l-eccezzjoni mqanqla mill-Korporazzjoni intimata li hija ma ghandha x'taqsam xejn ma dan il-kaz u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-ossservanza tal-gudizzju. Gie ppruvat ukoll ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal li anke s-sewwieq Charles Cachia ma kienx b'xi mod traskurat jew negligenti fis-sewqan tieghu. Konsegwentement ir-responsabbilita ta' l-incident hija ghalhekk tas-

socjeta kjamata fil-kawza u konsegwentement ghandha twiegeb ghal hsarat sofferti.

18. It-Tribunal huwa sodisfatt bil-provi mressqa mir-rikorrenti dwar il-kwantum u ghaldaqstant sejjer iqishom bhala sodisfacenti skond il-ligi.

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal:

i) Filwaqt li jillibera lill-Korporazzjoni Enemalta mill-osservanza tal-gudizzju;
ii) Qieghed jilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta GasanMamo Insurance Limited u jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta kjamata fil-kawza GO p.l.c.

Konsegwentement, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta kjamata fil-kawza GO p.l.c. thallas lir-rikorrenti s-somma reklamata ta' elfejn sitt mija sitta u erbghin euro u sitta u erbghin centemzi ta' euro (€2646.46) bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-9 ta' Settembru, 2014, data li fiha giet notifikata s-socjeta kjamata fil-kawza bit-Talba odjerna, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-Korporazzjoni Enemalta u tas-socjeta intimata GasanMamo Insurance Limited huwa a karigu tar-rikorrenti filwaqt li l-kumplament ta' l-ispejjez huma a karigu tas-socjeta kjamata fil-kawza GO p.l.c.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------